MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 15 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 437/1997/1

Saviour Mallia
vs
Permanent Secretary Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz matul is-snin ta' 1990 sa l-1992, ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ta' Officer i/c Minor Staff.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent applika ghall-promozzjoni ta' officer i/c Minor Staff fil-21 ta' Frar 1990 u fit-22 ta' Gunju 1992 u ghalkemm huwa kien jikkwalifika ghax ghandu l-esperjenza mehtiega u wkoll tant li fl-1986 kien ghamel l-istess tip ta' interview ghal Officer in Charge Minor Staff u li skond l-informazzjoni li huwa kellu dak iz-zmien, ir-rizultat fil-konfront tieghu kien wiehed pozittiv

imma ma lahaqx gie publikat u baqa' hekk mhux publikat sa sentejn wara li allura skada l-istess b'effett tieghu fl-1988, u wkoll peress illi huwa kellu wkoll is-seniority mehtiega, r-rikorrent qatt ma gie maghzul ghal din il-promozzjoni.

Illi waqt l-interview huwa kien irrisponda ghad-domandi kollha li sarulu u li huwa kien jaghmel xoghol relatat ma dan il-grad ghal madwar 17-il sena u li kien hadem f'diversi Ministeri u kellu responsabilitajiet diversi u li dejjem gawda u kellu rapporti tajbin hafna dwar ix-xoghol tieghu kif jistghu jikkonfermawh is-superjuri tieghu.

Illi r-rikorrent huwa wkoll konvint li ma giex maghzul ghal din il-promozzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu u li huwa qatt ma kien gie moghti xi raguni valida ghac-cahda ta' din il-promozzjoni.

Illi ghalhekk huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu bix-xhieda indikati f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat minn dan it-Tribunal li jiehu dak dovut billi fil-pensjoni tar-rikorrent tirrifletti mill-1990 z-ziedet dovuti li kieku ha din il-promozzjoni misthoqqa u fil-hin u jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur Generali, Management & Personnel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepixxa:-

1. Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhux il-legittimu kuntradittur ghal dan l-ilment stante illi huwa l-Prim Ministru li japprova tali hatriet wara li jinghata

parir f'dan is-sens mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

2. Illi l-mili ta' vakanzi fil-Grad ta' Officer-in-charge Minor Staff fiz-zmien indikat mir-rikorrent saru skond il-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-Union li tirraprezenta din il-klassi ta' mpjegati fl-1 ta' Marzu 1981, liema ftehim kien ghadu in vigore.

3. Illi l-ghazla saret mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku b'Bord ta' l-Ghazla mahtur minnha u l-kriterji li fuqhom kellha ssir l-ghazla wkoll aprovati minnha.

4. Illi l-mili ta' vakanzi sar strettament skond kif gew fl-Order of Merit dawk li kkwalifikaw mill-ezami u wkoll wara li f'kull kaz saret rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.
5. Illi l-fatti dwar is-sejha ghall-mili ta' postijiet ta' Officer-in-charge Minor Staff li saret fl-1989 kienu:

i. Fit-30 t'Ottubru 1989, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku harget is-sejha permezz ta' Cirkolari Nru.124/89;

ii. Kien hemm 95 persuna li applikaw ghal din is-sejha fosthom ir-rikorrent;

iii. Kemm il-Bord tal-Ghazla kif ukoll il-kriterji li fuqhom kellha ssir l-ghazla gew approvati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Bord tal-Ghazla gie mahtur fis-26 ta' Jannar 1990 u l-kriterji approvati fil-15 ta' Frar 1990;

iv. Mir-rizultat tas-selezzjoni ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jidher li r-rikorrent gab total ta' 124 marka minn massimu ta' 200 marka u gie fil-61 post fl-Order of Merit;

v. Sad-data tal-gheluq tal-validita' tal-ezami kienu ddahhlu dawk li gew sal-21 post fl-Order of Merit.

6. Illi l-fatti dwar is-sejha ghall-mili ta' postijiet ta' Officer-in-charge Minor Staff li saret fl-1992 kienu:

i. Fil-11 ta' Gunju 1992 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku harget is-sejha relattiva permezz ta' Cirkolari Nru.58/92;

ii. Kien hemm 68 applikazzjoni, fosthom dik tar-rikorrent li ggib in-numru 25;

iii. Fl-4 ta' Awwissu l-Kummissjoni approvat il-hatra tal-Bord tal-Ghazla u l-kriterji li fuqhom kellha ssir l-Ghazla.

iv. Mir-rizultat tas-selezzjoni, ippublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jidher li r-rikorrent gab 135 marka minn massimu ta' 250 marka u gie fl-34 post fl-Order of Merit;

v. Sad-data tal-eghluq ta' validita' tal-ezami kienu nghataw il-hatra dawk li kkwalifikaw u gew sal-11 -il post fl-Order of Merit;

7. Illi peress li r-rikorrent fiz-zewg okkazjonijiet gab marki illi minhabba fihom gie pjuttost lura fl-Order of Merit u peress li l-vakanzi li riedu jimtlew kienu relattivament ftit, huwa ma setax jinghata l-hatra li dwarha qieghed jilmenta.

8. Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.
Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent pprezenta affidavit u fih sostna li hu kien mar tajjeb fl-interview u li hu kellu diversi esperjenzi ma’ Dipartimenti tal-Gvern li fihom kien jaghmel xoghol ta’ Messenger III, pero` minkejja dan kollu ma kwalifikax ghal din il-promozzjoni ghax inghata 124 marka u spicca fil-61

post. Wara harget applikazzjoni ohra ghall-istess grad ta' Officer in Charge Minor Staff u kien harget fl-1992. Kien applika u kien spicca fit-34 post. Hu kien ilu jahdem bhala Messenger III sa minn 1981 u ghalhekk kien ilu jokkupa ghall-snin twal din il-kariga.

Zied jghid li hu ma kienx jaghmel sempliciment ix-xoghol ta' Messenger III izda kien jinghata xoghol ta' certa responsabbilita' fost il-messaggiera u li minkejja dan kollu xorta wahda ma nghatax il-promozzjoni li kien haqqu. Ghalhekk sostna li saret ingustizzja mieghu minhabba l-fehma politika tieghu.

Xehed Vince Piccinino bhala rapprezentant tal-Ufficcju tal-Prim Ministru li kkonferma li kienu hargu zewg applikazzjonijiet wahda fin-1989 u l-ohra fl-1992 ghall-Officer in Charge Minor Staff. Ikkonferma li r-rikorrent kien ilu Messenger III mit-3 ta' Marzu 1981.

Xehed Emanuel Cilia Debono li kien Acting Direttur tax-Xoghol minn 1980 sa 1984 u ha l-appointment ta' Direttur tax-Xoghol u fit-3 ta' Jannar 1999 irtira bhala Direttur tax-Xoghol. Semma li jiftakar lir-rikorrent jahdem fid-Dipartiment tieghu bhala Chief Messenger u li hu kien jiehu hsieb il-minor staff ta' tahtu u kellu ukoll l-impressed li kien jiehu hsiebhom hu. Huwa kien jikkoordina diversi units. Dak iz-zmien kien hemm is-section ta' l-enforcement, is-section ta' l-emigration, is-section ta' l-employment kif ukoll tal-workbook li kollha kienu sections li kien fihom hafna nies. Ghalhekk kienet tehtieg koordinazzjoni.

Ikkonferma li d-diversi nies imsemmija fid-dokument SM1 li jinsab a fol 70 tal-process kienu jahdmu taht ir-rikorrent. Semma li r-rikorrent kien efficjenti u li tista' tafdah u kull meta kien jinqalghu xi problemi peress li kienu jinqalghu diversi problemi fis-sezzjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-pubbliku hu kien isolvihom. Huwa kien igib rispett lis-superjuri tieghu kif ukoll lill-haddiema li kienu tahtu.

Xehed George Borg Cardona li kien Permenent Secretary mill-1982 sa l-1992 li semma li jiftakar lir-rikorrent bhala

Head Messenger u kien in charge mill-minor staff kollu. Huwa kien jiehu hsieb kollox fir-rigward tal-minor staff. Bhala ministeru huwa kien jiehu hsieb jirranga meta jinqalghu xi problemi li jinghtaaw is-servizzi kollha kif ukoll tindif ecc.

Esebixxa ittra li kien irrilaxxa fuq ir-rikorrent fejn semma li r-rikorrent kien jaghmel doveri ta' Chief Messenger fil-Ministeru tax-Xoghol u Servizzi Socjali matul Settembru 1983 u 1987 meta hu kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru.  In fatti jghid dan il-kliem:

"He always carried out his duties in an exemplary manner and was very industrious.  He was reliable and trustworthy and was capable of taking the initiative whenever it was necessary and did so especially in difficult and delicate situations.  He had good leadership qualities and organised efficiently work for which he was responsible. He was held in high esteem by his superiors, his colleagues and workers under his charge.  He deserves the highest recommendation" u ffirmata mill-istess George Borg Cardona.

Semma li jsib lir-rikorrent kapaci li jilhaq dak il-grad ta' Officer in Charge, Minor Staff, in kwantu tax-xoghol li kien fil-fatt jaghmel.

Xehed James Catania li kkonferma r-risposta tad-Dipartiment li tinsab a fol 15 u 16 tal-process.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi l-ewwel problema li hemm fil-kaz odjern huwa li gie eccepiet mis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru illi hu mhux il-leggittimu kontraddittur ghal dan l-ilment stante li huwa l-Prim Ministru li japprova tali hatriet wara li jinghata parir f'dan is-sens mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  In fatti jinghad illi skond l-Artikolu 181B tal-Kap 12 jinghad illi l-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.  Issa proprjament Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru m'huwiex il-persuna responsabbli ghax m'huwiex

il-Kap tad-Dipartiment li hu nkarigat fil-materja in kwistjoni u r-rikorrent istitwixxa l-kawza biss kontra l-istess Segretarju Permanenti. Illi ghalhekk l-imsemmi persuna m'huwiex il-leggittimu kontradittur.

Ara f'dan is-sens ukoll rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholjiet Pubblici, Joseph Grech vs Prim Ministru et 9 ta' Dicembru 1998, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9 ta' Marzu 1999 u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28 ta' Ottubru 1999.

Skond il-Ligi, rapprezentanza ta' Dipartiment m'hix vestita fis-Segretarju Permanenti u fil-kaz in ezami r-rikorrent kien jinkombi fuqu li jistitwixxi l-kawza kontra l-Kap tad-Dipartiment illi dan hu sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn hekk. Pero' t-Tribunal jixtieq izid ukoll illi indiskutibbilment gie ppruvat li r-rikorrent huwa bniedem kapaci, ta' fiducja u li kien jaghmel id-dover tieghu sewwa, izda dan ukoll ma jkunx sufficjenti biex wiehed jinghata promozzjoni ghax ghalkemm persuna biex tinghata promozzjoni trid tkun kapaci irid jigi pruvat ukoll illi hija kienet aktar kapaci minn haddiehor fl-istess kategorija.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u jiddikkjara li l-intimat mhux il-legittimu kontradittur u jilleberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.